# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa, 24 ta' Mejju, 2023**

**Numru 12**

**Rikors Numru 1012/20TA**

**Rawia Barbara (K.I. 0378719L)**

**vs**

**Mapfre Middlesea Insurance PLC,**
**Salahiddin M Mohamed**
**Elmo Insurance Ltd**
**Karol Grech (K.I.402891M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Rawia Barbara tal-5 ta' Novembru 2020, li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

"1. Illi fil-21 ta' Marzu 2015, għal-ħabta tad-disa' ta' bil-lejl, ir-rikorrenti kienet qiegħda riekba fil-vettura ta' l-għamla Toyota Vitz bin-numruta' reġistrazzjoni ACC 932;

2. Illi din il-vettura kienet misjuqa minn l-intimat Salahiddin M Mohamed Al-Taroug fit-Triq tal-Barrani Tarxien;

3. Illi f'ħin minnhom seħħ inċident bejn il-vettura misjuqa minn l-intimat Salahiddin M Mohamed Al Taroug u il-vettura ta' l-għamla Opelm Astra bin-numru ta' reġistrazzjoi AAF 389 misjuqa minn Anthony Dimech, il-vettura tal-għamla Honda Prelude bin-numru ta' reġistrazzjoni KBJ 872 misjuqa minn Karol Grech;

4. Illi kif ser jirriżulta ampjament fil-mori ta' dawn il-proċeduri, bħala konsegwenza ta' dan l-inċident ir-rikorrenti sofriet korriment u tilfet it-tarbij tagħha;

5. Illi għal dan l-inċident stradali huwa unikament responsabbli l-intimati jew min minnhom proprju minħabba t-traskuraġni, l-imprudenza, non kuranza u n-nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti fis-sewqan tagħhom;

6. Illi għalkemm l-intimati ġew interpellati sabiex jersqu u jaddivjenu għal likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti permezz ta' ittra uffiċjali huma baqgħu nadempjenti;

Għaldaqstant l-esponent, filwaqt li tiddikjara li hija taf b'dawn il-fatti personalment, titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha;

1) Tiddikjara li l-intimat jew lil min minnhom huma l-unikament responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fil-21 ta' Marzu 2015 għall-ħabta tad-9.00 pm fit-Triq tal-Barrani Tarxien u dan minħabba traskuraġni, imprudenza, non kuranza u nuqqas ta' osservazzjoni ta-regolamenti fis-sewqan tagħhom;

2) Tiddikjara li konsegwentement l-intimati jew min minnhom huwa responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti;

3) Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' *periti nominandi*;

4) Tordna li l-intimati jew min minnhom iħallsu s-somma hekk likwidata lir-rikorrenti *in linea* ta' danni u dan fi zmien qasir u perentorju hekk kif mogħti minn din l-Onorabbli Qorti;

u dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti, fis-savju u superjuri ġudizzju tagħha, jogħġobha timponi.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittri uffiċjali datata 12 ta' Frar 2020 bin-numru ta' referenza 471/2020 rispettivament, u bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' l-inċident kontra l-intimat li hu sa minn issa nġunt għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta Konvenuta Elmo Insurance Limited tal-15 ta' Diċembru, 2020 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

"1. Illi, in linea preliminari, it-talbiet rikorrenti huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Illi, mingħajr preġudizzju għal premess, is-soċjeta' esponenti tirrileva illi l-azzjoni odjerna tirrigwarda inċident awtomobilistiku illi seħħ fil-21 ta' Marzu 2015 fejn, fost oħrajn, kienet involuta l-vettura bin-numru ta' reġistazzjoni KBJ 872, appartjenenti lil ċerta Mary Grace Grech u misjuqa mill-intimat Karol Grech. Għalkemm fil-mument illi seħħ l-inċident in kwistjoni, l-imsemmija vettura kienet assikurata mas-soċjeta' esponenti, fuq l-iskorta tal-fatti u ċirkostanzi tal-inċident, l-istess soċjeta' esponenti għandha fil-pussess tagħha biżżejjed evidenza sabiex tissenjala li l-assikurati tagħha ma ottemperawx ruħhom mal-kundizzjonijiet tal-polza viġenti. Għalhekk, l-istess huwa preklużi milli jinvokaw l-imsemmija polza sabiex ikopru kwalsiasi obbligu tagħhom naxxenti mill-imsemmi inċident.

3. Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjeta' esponenti tgħid illi jekk jirriżulta li, uniakment minħabba d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, hi tkun obbligata tagħmel tajjeb versu r-rikorrenti għar-rigward tad-danni, imgħax u spejjes fil-każ li l-proċeduri odjerni jkollhom esitu sfavorevoli għall-imsemmi intimat Karol Grech, allura hija jkollha tħallas lir-rikorrenti salv id-dritt ta' rivalsa tagħha kontra l-istess Wayne Hall għal kull esbors erogat minnha.

4. Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess u fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti trid iġġib prova tal-ħtija għall-inċident awtomobilistiku *de quo* liema prova tinkombi lilha skont il-liġi kif ukoll tad-danni allegatament subiti riżultat tal-imsemmi inċident.

5. Illi, fi kwaunkwe każ, is-soċjetaċ esponenti m'għandhiex tbati spejjeż ġudizzjarji.

6. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi u bl-ispejjes."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta` Konvenuta Mapfre Middlesea plc tat-18 ta' Diċembru, 2020 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

"1. Illi, fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-isem tas-soċjeta' eċċipjenti huwa "MAPFRE Middlesea plc" u mhux kif indikat fl-okkju, u għalhekk għandha ssir il-korrezzjoni opportuna fir-rikors ġuramentat u fl-atti l-oħra kollha relattivi u sussegwenti;

2. Illi, fit-tieni lok u in linea preliminari, it-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 u kif ukoll tal-artikolu 2154 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta moqri flimkien mal-artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi fit-tielet lok u bla preġudizzju għall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti hekk kif diretti fil-konfront tas-soċjeta' eċċipjenti bħala l-

assiguratriċi tal-vettura misjuqa bin-numru tar-reġistrazzjoni ACC 932 huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;

4. Illi l-inċident stradali li seħħ fil-21 ta' Marzu 2015 ġewwa Triq tal-Barrani, Ħal-Tarxien ma seħħx b'xi tortijiet attribwibbli lix-xufier tal-vettura bin-numru tar-reġistazzjoni ACC 932 assigurata mas-soċjeta' eċċipjenti, iżda seħħ unikament tort tal-intimat Karol Grech, li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KBJ 872 fil-ħhin tal-istess inċident, u dana minħabba li kien qed isuq il-vettura tiegħu b'negligenza, traskuraġni, non-kuranza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu kif ser jirriżulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

5. Illi in vista tal-premess l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrenti in liena ta' danni mis-soċjeta' eċċipjenti;

6. Illi, f'kull każ u bla preġudizzju għall-premess, id-danni pretiżi qegħdin jiġu kkontestati u r-rikorrenti għandha tressaq l-aħjar prova tad-danni minnha pretiżi, u kif ukoll li tali danni huwa effett tal-inċident mertu ta' din il-kawża;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Rat ir-rikors tal-konvenut Karol Grech (Rikorrent) tal-4 ta' Jannar 2021 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

"1. Illi l-esponenti Karol Grech qieghed jipprezenta dan ir-rikors peress li huwa ma rrispondiex ghal dinil-kawza fl-ghoxrin gurnata moghtija lilu.

2. Illi Karol Grech ma rrispondiex fl-ghoxrin gurnata peress li dan sar bit-tali rikors guramentat tal-attrici fit-2 ta'Jannar 2021, u ghalhekk ma setax jirrispondi qabel.

3. Illi n-notifika ta' din il-kawza ma gietx iffirmata mill-esponent innifsu izda minghand l-gharusa tieghu Maria Bianco, li dakinhar inzertat kienet ghand l-esponent.

4. Illi Maria Bianco bi zvista insiet tinforma lill-esponenti li waslitu notifika ta' din il-kawza u peress li Maria Bianco ma toqghodx mal-esponenti (karta tal-identita annessa u mmarkata bhala Dok KG1), l-esponenti qatt ma sar jaf bit-tali notifika qabel it-2 ta' Jannar 2021.

5. Illi la darba sar jaf bin-notifika, l-esponenti qieghed jipprezenta dan ir-rikors kif ukoll ir-risposta guramentata tieghu li qedgha ssir kontestwalment ma' dan ir-rikors peress li huwa ghandu interess f’din il-kawza.

6. Illi l-interess tal-esponenti huwa evidenti ukoll meta wiehed jikkunsidra li l-esponenti kien irrisponda ghall-ittra ufficjali numru 471/2020.

7. Illi n-nuqqas li jipprezenta r-risposta tal-esponenti ma saritx b’mala fede.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-esponenti ghandu raguni valida ghaliex huwa ma pprezentax risposta u li dan ma sarx b’mala fede.

2. Tordna li l-esponenti m’huwiex kontumaci u taccetta r-risposta mressqa minnu kontestwalment ma’ dan ir-rikors sabiex titkompla din il-kawza.”

Rat ir-risposta ta’ l-attriċi Rawia Barbara (Intimata) tal-21 ta’ Jannar 2021

in risposta tar-rikors fuq imsemmi li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:-

“1. IIIi fil-12 ta' Jannar 2021 l-esponenti fis-seduta giet notifikata bir-rikors fuq imsemmi;

2. IIIi bhala raguni sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu I-intimat jghid li hu sar jaf bir-rikors guramentat fit-2 ta' Jannar 2021 u ghalhekk ma setax jirrispondi qabel ghax in-notifika saret lill-gharusa tieghu Maria Bianco li dakinhar inzertat kienet ghandu;

3. Illi rikorrenti jghid Ii l-gharusa tieghu bi zvista insiet tghidlu u ghalhekk hu ma irrispondex ghal kawza mhux b'mala fede;

4. Illi din I-Onorabbli Qorti taghlimna li kif inhu stabilit mill-gurisprudenza lokali (Cassar v Vassallo — 1937):

    1. il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volantarja;
    2. anqas ma tista' tigi gustifikata jekk kienet kolpuza;
    3. hemm bzonn li tigi ippruvata kawza gusta;
    4. din il-kawza gusta jinhtieg li tkun tikkonsisti f'impediment;
    5. biex l-impediment ikun legittimu ghandu jkun indipendenti mill-volonta tal-kontumaci.

2. Illi dawn l-istess principji gew riaffermati f'diversi decizjonijiet ta' dawn il-Qrati fosthom Paul Grixti vs Direttur tax- Xogholijiet Pubblici, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975, u d-decizjoni fl-ismijiet Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999;

3. Illi l-esponenti jazzarda ukoll jghid li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola:

4. Illi f'dan il-kaz bl-ebda tigbid ta' immaginazzjoni ma jista' jigi konkluz li l-intimat kellu kawza gusta u aktar u aktar li din l-kawza gusta kienet ta' xi impediment ghas-semplici raguni li nuqqas ta' l-gharusa tieghu Maria Bianco li tinfurmah bin-notifika tar-rikors hija raguni li l-ewwel nett ma hiex kredibili u t-tieni hija raguni sempliciment irizorja;

5. Illi la darba r-rikorrenti gie innotifikat fir-residenza tieghu, fatt li ma hux ikkontestat, huwa ghandu jkun responsabbli tan-notifika;

6. Illi l-esponenti jaghmlu referenza ghall-insenjament li hareg mill-kawza fl-ismijiet Noel Calleja, George Calleja, Michelle Calleja, Michelangelo u Anna konjugi Calleja vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited, sentenza tal-Qorti tal-AppeIl Superjuri datata 28 ta' Jannar 2005, li ghamlet ukoll referenza ghall-kawza fl-ismijiet "Farrugia v. Farrugia (Appell — 1995) fejn intqal li l-fundament razzjonali ta' l-istitut tal-kontumacja, u allura wkoll il-parametri tieghu li ghandhom jigu interpretati b'mod strettissimu favur il-kontumacja:

> *""....Il-Qorti tqis l-istitut tal-kontumacja bhala mizura ta' natura punittiva, necessarja biex tassigura serjeta' fil-procedura u r-rispett dovut lejn l-atti emessi mill-Qorti. Mill-banda l-ohra proprju minhabba s-sanzjoni spiss irriversibbli li timporta, ir-rigorozita' tal-procedura ghandha tigi applikata u interpretata b'mod restrittiva fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-culpa, anke ghax ma jistax ikun hemm kolpa fejn ma kienx hemm il-konoxxenza tan-notifika ta' l-att bhala fatt, ma ghandu jkun hemm ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata. "*
>
> *"Fil-kaz in ezami s-socjeta' konvenuta qed tittenta tiggustifika l-kontumacja taghha ghar-raguni illi minkejja illi hija impustat ic-citazzjoni lil-legali taghha hekk kif din giet notifikata lilha, dan naqas li jipprepara n-nota ta' l-eccezzjonijiet fiz-zmien stipulat mil-ligi, peress illi kien imsiefer u irritorna proprju fl-ahhar gurnata li setghet tigi intavolata l-istess nota.*

> *Ghalkemm huwa minnu illi l-legali tas-socjeta' konvenuta f'tali cirkostanzi ma seta' jaghmel xejn f'dan ir-rigward, u ma jista' jkun hemm ebda culpa da parti tieghu, l-istess ma jistax jinghad ghas-socjeta' konvenuta. Din ma setghetx tehles mir-responsabilitajiet taghha semplicement billi ghaddiet il-kopja tac-citazzjoni li irceviet lill-avukat taghha. Kien jinkombi lilha li taccerta ruhha li n-nota ta' l-eccezzjonijiet tigi ipprezentata fl-ghoxrin (20) jum stipulati mil-ligi (kif wara kollox hemm indikata fuq il-faccata tal-kopja tac-citazzjoni relattiva notifikata lilha). Il-fatt li l-avukat taghha kien imsiefer seta' jigi verifikat fil-hin, biex jilhqu jittiehdu provvedimenti opportuni alternattivi."*

Fid-dawl ta' dawn it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu.

Tant ghandhom x'jissottomettu l-esponenti ghas-saju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti."

Rat il-verbal tal-10 ta' Novembru 2022 fejn il-Qorti ordnat lil Karol Grech, li kien presenti għas-seduta, li fis-seduta li kien imiss il-Qorti kienet ser tisma' lilu u lil Maria Bianco u dan fid-dawl tar-risposta tal-kontro-parti;

Rat li fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2023 xehed Karol Grech pero' Maria Bianco ma deheritx għaliex kienet tinsab indisposta. Il-kawża tħalliet sabiex il-Qorti tisma' lil Maria Bianco dwar il-kontumaċja;

Rat li fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2023 la deher Karol Grech u lanqas Maria Bianco. Għalhekk il-Kawża tħalliet fost oħrajn għal-lum għas-Sentenza fuq il-vertenza tal-kontumaċja.

**Konsiderazzjonijiet**

Jibda biex jingħad li mir-riferta tan-notifika l-atti tal-Kawża tħallew f'idejn Maria Bianco fl-24 ta' Novembru 2020 (a' fol 11 tergo).

Fir-rikors tiegħu r-rikorrent jgħid li sar jaf bir-rikors ġuramentat fit-2 ta' Jannar 2021 jiġifieri kważi xahar u nofs wara n-notifika. Jgħid ukoll li din Maria Bianco hija l-għarusa tiegħu u li din ma toqgħodx miegħu fl-istess indirizz. Fix-xhieda tiegħu tat-30 ta' Jannar 2023 jikkonferma li l-indirizz fejn joqgħod huwa 11, Alley 2, Xagħjra Street, Żabbar (a' fol 564). Dan huwa l-indirizz fejn jidher li saret in-notifika anke jekk mhux preċiż kif xehed (a' fol 11).

Fis-**Sentenza fl-ismijiet Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imħallef William Harding** ġew elenkati l-prinċipji li ġejjin rigwardanti l-kontumaċja:-

"(*1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;*

*(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;*

*(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;*

*(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;*

*(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;*

*(6) L-izball m'hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;*

*(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*

*(8) L-impossiblita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.*

**Fis-Sentenza fl-ismijiet Noel Calleja et -vs- Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd tal-Qorti ta' l-Appell 28 ta' Jannar 2005** intqal hekk:-

*"L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta' natura punittiva – huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali……… Dik il-prezenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola."* (Ara wkoll **Sentenzi fl-ismijiet Vella pro et nomine -vs- Vella, Appell Kummerċjali, tal-21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII – II – 170); u Paul Grixti -vs- Direttur tax-Xogħolijiet Pubbliċi, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Ċivili fit-12 ta'**

**Diċembru 1975 u Margaret Bugeja et -vs- Alfred Ellul deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999**.)

Il-Qorti qieset il-fatti li għandha quddiemha u jidhrilha li tat oportunita' lir-rikorrent biex ikun jista' jipprova dak li jgħid fir-rikors. Kellu jiġġustifika l-għala ma presentax risposta ġuramentata meta xi ħin jew ieħor l-iskrittura tal-Qorti tassew ġiet f'idejh. Huwa jgħid li sar jaf biha riċentement wara li kienu għaddew l-20 ġurnata għar-risposta ġuramentata.

Fost affarijiet oħra huwa jgħid li l-iskrittura ġiet aċċettata mill-partner tiegħu u li din ma tgħix miegħu għalkemm fil-mument tan-notifika kienet fir-residenza tiegħu. Il-Qorti tiddeplora kif qegħdin isiru r-riferti stante li l-Uffiċjali tal-Qorti ma humiex jindikaw bi preċiżjoni f'idejn min titħalla l-iskrittura meta ma tkunx notifikata personalment il-parti u dan kif wara kollox jesiġi l-artikolu 187 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Kif jirrisulta, din il-Qorti riedet li tisma' lill-konvenut u lil Maria Bianco sabiex tkun f'posizzjoni li tqies it-talbiet tal-istess konvenut. Dan jgħid li hekk kif Maria Bianco ftakret qaltlu li għandu karta (a' fol 565). Qal li l-karta ħallietilu fuq il-komodina iżda qatt ma ra qabel. Meta l-Qorti staqsiet lil-konvenut għaliex Maria Bianco ma kinitx ġiet it-tweġiba kienet li għaliex ma tiflaħx (a' fol 566). Il-Qorti għalhekk ikkonċediet differiment għat-22 ta' Marzu 2023 biex tisma' lill-imsemmija Maria Bianco. F'dik is-seduta la l-konvenut Karol Grech u l-anqas Maria Bianco ma ġew.

Dan l-atteġġjament tal-konvenut ma għenu xejn fit-talbiet tiegħu għaliex din il-Qorti riedet tisma' lil Maria Bianco. Ġaladarba, l-iskrittura tħalliet f'idejha, imma xorta waslet materjalment għand il-konvenut, il-Qorti riedet tara sewwa t-termini u żminijiet tan-notifika. Imma l-konvenut deherlu li ma jiġix għas-seduta fuq imsemmija u jġib miegħu lil Maria Bianco. Mingħajr ix-xhieda tagħha, din il-Qorti ma sabitx lilha nnifisha f'posizzjoni li setgħet tagħmel evalwazzjoni tal-fatti sa biex tkun tista' tasal għall-konklużjoni jekk kienx hemm biżżejjed provi li jissufragaw il-versjoni tal-konvenut.

Fuq id-dikjarazzjoni tiegħu biss, anke fid-dawl ta' ċerti asserzjonijiet li għamel, lil din il-Qorti ma kkonvinċewha xejn. Bil-mod kif il-konvenut naqas li jidher u kif ukoll naqas li jipproduċi lill-imsemmija Maria Bianco bħala xhud, ġab dispett lejn din il-Qorti, li wara kollox kienet qed tagħmel minn kollox, biex tagħti opportunita' lir-rikorrent jipprova l-ġustifikazzjoni tal-istat kontumaċjali li waqa' fih.

Għalhekk il-Qorti ser tkun qed tiċħad it-tabiet fir-rikors tiegħu. B'dana kollu din il-Qorti tagħmel referenza għas-**Sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' April 2003 fl-ismijiet Waldonet Limited vs David Thake** fejn intqal li l-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni ta' l-imħarrek għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja titqies li hija kontestazzjoni. Għalhekk din il-Qorti tistenna li l-Attriċi, tressaq dawk il-provi kollha daqs li kieku l-Kawża qed tkun kontestata b'risposta ġuramentata.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qegħda tiċħad it-talbiet ta' Karol Grech fir-rikors minnu preżentat fl-4 ta' Jannar, 2021.

Spejjes riservati għall-ġudizzju finali.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**